MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2010

Numru. 757/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christopher Pullicino)**

**vs**

**Saviour Cachia, 29 sena, bin Anthony u Vincenza nee Schembri, imwiled Pieta` fil-31 ta' Mejju 1989 u joqghod Flat 1, Silver Bertch, Triq Hal-Mula, Zebbug detentur ta' karta tal-identita bin-numru 274181M**

**Grace Cini, bint Joseph u Giovanna nee Azzopardi, imwielda Pieta` fis-16 ta' Apri 1971 u toqghod Flat 1, Silver Bertch, Triq Hal-Mula, Zebbug detentur ta' karta tal-identita`` bin-numru 200971M.**

**Diane Williams, 29 sena, bint Emanuel u Mary nee Bonnici, imwielda  Pieta` fis-16 ta' Ottubru 1980 u toqghod Flat 1, Silver Bertch, Triq Hal-Mula, Zebbug detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 476980M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati Saviour Cachia, Grace Cini u Diane Williams li permezz taghhom huma gew akkuzati talli f'dawn il-gzejjer fil-25 ta' Lulju 2010 u matul il-granet ta' qabel din it-data, b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe:

1. Nhar il-25 ta' Lulju 2010 ghall-habta ta' l-6.00pm gewwa l-Bajja tal-Ghadira limiti tal-Mellieha ikkommettew serq ta' diversi oggetti fosthom basket kontenenti zewg mobile phones, dokumenti, flus kontanti li jamontaw ghall-35 ewro u affarijiet ohra liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi €232.94 izda ma jaqbizx €2329.37 ewro u sar ghad-dannu ta' Luke Micallef u/jew persuna/i ohra.

2. U aktar talli nhar il-25 ta' Lulju 2010 ghall-habta ta' 6.30pm gewwa l-Bajja tal-Ghadira limiti tal-Mellieha ikkommettew serq ta' diversi oggetti fosthom basket kontenenti mobile phone, hwejjeg, nuccali tad-ditta RayBan u affarijiet ohra liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi €232.94 izda ma jaqbizx €2329.37 ewro u sar ghad-dannu ta' Orlando Ellul u/jew persuna/i ohra.

3. U aktar talli nhar il-25 ta' Lulju 2010 ghall-habta ta' 10.15am gewwa Bahar ic-Caghaq, ikkommettew serq ta' diversi oggetti fosthom basket kontenenti 'credit cards', cwievet, mobile phone, hwejjeg, ghaxar ewros fi flus kontanti u affarijiet ohra liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi €232.94 izda ma jaqbizx €2329.37 ewro u sar ghad-dannu ta' Orlando Ellul u/jew persuna/i ohra.

4. U aktar talli nhar it-18 ta' Lulju 2010 ghall-habta ta' 12.00 pm gewwa l-Bajja s-Sabiha, Birzebbuga ikkommettew serq ta' diversi oggetti fosthom basket

kontenenti mobile phone, cwievet, hwejjeg, nuccjali u affarijiet ohra liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi €232.94 izda ma jaqbizx €2329.37 ewro u sar ghad-dannu ta' Keith Galea u/jew persuna/i ohra.

5. U aktar talli nhar it-18 ta' Lulju 2010 ghall-habta ta' s-2.00pm gewwa x-Xatt ta' Xbiex, ikkommettew serq ta' diversi oggetti fosthom basket kontenenti zewg mobile phones, arlogg tad-dotta Fossil, , cwievet, hwejjeg, zewg nuccjalijiet u affarijiet ohra liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi €232.94 izda ma jaqbizx €2329.37 ewro u sar ghad-dannu ta' Andrew Mizzi u/jew persuna/i ohra.

Saviour Cachia u Grace Cini gew akkuzati talli:

i. Nhar is-17 ta' Lulju 2010 ghall-habta ta' s-2.00pm gewwa l-Bajja s-Sabiha, Birzebbuga ikkommettew serq ta' diversi oggetti fosthom basket kontenenti zewg mobile phones, cwievet, hwejjeg, dokumenti, madwar sebgha u erbghin euro fi flus kontanti u affarijiet ohra liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi €232.94 izda ma jaqbizx €2329.37 ewro u sar ghad-dannu ta' Kimberly Spiteri u/jew persuna/i ohra.

ii. U aktar talli nhar is-16 ta' Lulju 2010 ghall-habta ta' 10.00am gewwa l-Bajja s-Sabiha, Birzebbuga ikkommettew serq ta' diversi oggetti fosthom basket kontenenti mobile phone, cwievet, 'credit cards', dokumenti, hwejjeg, nuccali u affarijiet ohra liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi €232.94 izda ma jaqbizx €2392.37 ewro u sar ghad-dannu ta' Kimberly Spiteri u/jew persuna/i ohra.

iii. U aktar talli nhar il-15 ta' Lulju 2010 ghall-habta ta' t-3.00pm gewwa l-Bajja s-Sabiha, Birzebbuga ikkommettew serq ta' diversi oggetti fosthom basket kontenenti mobile phones, madwar disghin ewro fi flus kontanti u affarijiet ohra liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi €232.94 izda ma jaqbizx €2329.37 ewro u sar ghad-dannu ta' Christian Refalo u/jew persuna/i ohra.

iv. U aktar talli huma recedivi ai Termini tal-artikoli 49, 50, u 289 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti taghthom zmien sabiex jirrikonsidra l-istess.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, il-Qorti ma tistax hlief issibhom hatja ta’l-istess.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ma tistax tittratta ma l-imputati bl-istess mod. Dana qed jinghad peress illi ma hemmx akkuza dwar recidiva fil-konfront tal-imputata Diane Williams. Dana huwa rifles fil-fedina penali penali tal-tlett imputati. Filwaqt li l-fedina penali ta’ l-imputata Diane Williams hija nadifa, dana ma jistax jinghad fir-rigward taz-zewg imputati l-ohra fejn il-fedini penali rispettiva taghhom huma t-tnejn pjuttost ikkuluriti. Minn naha l-ohra t-tlett imputati ammettew fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u anke ikkollaboraw mal-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet u anke xi resfurtiva giet irkuprata. Ghalhekk filwaqt illi l-Qorti sejra timponi piena karcerarja fil-konfront tal-imputati Cachia u Cini, il-Qorti ser tghati opportunita lill-imputata Diane Williams tirriforma ruhha.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261( c), 267, 278(a), 49, 50, 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputati hatja ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u fil-konfront tal-imputati Saviour Cachia u Grace Cini il-Qorti qed tikkundannahom ghall-perjodu ta’ seba’ xhur prigunerija, filwaqt li fil-konfront ta’ Diane Williams, il-Qorti

fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq mghamula u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tqieghed lil hatja taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hatja Diane Williams bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikser l-ordni imposta fuqha llum jew jekk hija ma tobdix id-direttivi mghotija lilha mill-Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tordna li kopja tal-atti u tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali skond il-ligi.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tintbghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------